MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Numru 999/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**Abdiqudus Salat Bare**

**Numru tal-Pulizija: 13P-101**

**Numru tar-residenza: MT8630432**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Abdiqudus Salat Bare, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-10 ta' Ottubru 2014 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu dokumenti mahruga minn awtorita' kompetenti, cioe' Passaport Malti ghall-Istrangieri innumerat 9013226 u Permess ta' residenza Maltija bin-numru MT8630432 mahrugin f'ismu stess, ittrasferixxa dawn id-dokumenti lil persuna ohra cioe' lil Sadam Abdi Ali (Kapitolu 61, Sezzjoni 3 tal-Ligijiet ta' Malta);

b) Akkuzat ukoll talli fl-10 ta' Ottubru 2014, sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u cioe, ghamel rapport falz mal-pulizija. (Kapitolu 9, Sezzjoni 188 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat l-atti kollha tal-kaz u dokumenti esebiti inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini-irregistra ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha.

Il-Qorti semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, l-fedina penali tieghu li hi wahda netta, kif ukoll l-eta’ tenera tal-istess imputat.

**Konkluzjoni:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 61, u l-Artikoli 17(b) u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena ta’ seba’ (7) xhur prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed  tigi sospiza ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul il-perjodu operativ tas-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------